Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Lulju 2021**
**(OR. en)**

**10872/21**
**ADD 7**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0213(CNS)**

**FISC 123**
**ECOFIN 745**
**ENER 327**
**ENV 527**
**CLIMA 192**
**IA 137**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 15 ta' Lulju 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2021) 642 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirristruttura l-qafas tal-Unjoni rigward it-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 642 final.

Mehmuż: SWD(2021) 642 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
SWD(2021) 642 final

**DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal Direttiva tal-Kunsill**

**li tirristruttura l-qafas tal-Unjoni rigward it-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku (riformulazzjoni)**

{COM(2021) 563 final} - {SEC(2021) 663 final} - {SWD(2021) 640 final} - {SWD(2021) 641 final}

| Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv |
|---|
| Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2003/96/KE |
| **A. Il-ħtieġa għal azzjoni** |
| **X'inhija l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?** |
| Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew (European Green Deal, EGD), l-inizjattiva għal reviżjoni tad-Direttiva 2003/96/KE (id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija jew l-Energy Taxation Directive, ETD) hija parti mill-"Pakkett Lesti għall-Mira ta' 55 %".<br><br>Il-problemi ewlenin indirizzati mill-valutazzjoni tal-impatt huma l-fatt li l-ETD: i) mhijiex konformi mal-objettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija; ii) de facto tiffavorixxi l-użu ta' karburanti fossili u iii) ma għadhiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.<br><br>Il-kawżi ewlenin ta' dawn il-problemi huma: i) il-livell u l-istruttura preżenti tar-rati minimi (in-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' indiċjar, it-tassazzjoni tal-karburant abbażi tal-volum u mhux tal-kontenut tal-enerġija u mingħajr ma titqies il-prestazzjoni ambjentali tagħhom), ii) il-kopertura skaduta tal-prodotti tal-enerġija (b'mod partikolari l-bijokarburanti), u iii) il-varjetà ta' divrenzjar, tnaqqis u eżenzjonijiet fit-taxxa, li jillimitaw il-kopertura effettiva tad-Direttiva. |
| **X'jenħtieġ li jinkiseb?** |
| L-objettivi ewlenin tal-għażliet ta' politika proposti huma:<br><br>I. Kontribut għall-miri tal-UE għall-2030 u għan-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. B'hekk it-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku tiġi allinjata mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija u l-klima u jingħata kontribut għall-isforzi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza mal-ETS u jiġu evitati l-inkonsistenzi u d-duplikazzjonijiet.<br><br>II. Il-ħarsien u t-tisħiħ tas-suq intern tal-UE billi jiġu aġġornati l-kamp ta' applikazzjoni u l-istruttura tar-rati kif ukoll billi jiġi razzjonalizzat l-użu tal-eżenzjonijiet u tat-tnaqqis fit-taxxa mill-Istati Membri.<br><br>III. Il-ħarsien tal-kapaċità tal-ETD li tiġġenera dħul għall-baġits tal-Istati Membri kif ukoll li l-effetti distributtivi jitqiesu kif xieraq. |
| **X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?** |
| Il-problemi identifikati jistgħu jiġu rimedjati biss permezz ta' reviżjoni tal-ETD, f'koordinazzjoni ma' miżuri oħra ta' politika tal-UE. Hemm ir-riskju li approċċi nazzjonali jfixklu s-suq intern u jimminaw l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew minħabba l-istruttura mhux armonizzata u l-livell tat-taxxi nazzjonali. Huwa biss permezz ta' qafas armonizzat li se nkunu nistgħu nilħqu l-livelli ta' ambizzjoni tal-UE f'dawn l-oqsma filwaqt li nħarsu kemm il-kompetittività tas-setturi produttivi kif ukoll it-trattament ugwali tat-tassazzjoni fost is-setturi u l-użi tal-enerġija. Il-kontribut tal-UE biex jinkisbu ambizzjonijiet klimatiċi ogħla globalment se jkun aktar effettiv jekk l-UE tikkoordina l-istrumenti ta' politika kollha possibbli, inkluża t-tassazzjoni, fil-kuntest ta' pjan ambizzjuż li jinkludi wkoll l-estensjoni tal-ETS u azzjonijiet ta' politika rilevanti oħra fil-"Pakkett Lesti għall-Mira ta' 55 %". |
| **B. Is-Soluzzjonijiet** |
| **X'inhuma l-għażliet biex jintlaħqu l-għanijiet? Hemm għażla preferuta jew le? Jekk le, għaliex?** |

Il-linja bażi (għażla 0) tirrappreżenta l-qafas leġiżlattiv eżistenti għall-klima u l-enerġija għall-2030, jiġifieri l-miri tal-klima u l-enerġija li ntlaħaq qbil dwarhom qabel ta' tnaqqis ta' 40 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, kif ukoll l-għodod ta' politika ewlenin għall-implimentazzjoni tagħhom.

L-għażla 1 tindika r-rati minimi u twessa' parzjalment il-bażi tat-taxxa filwaqt li, fil-biċċa l-kbira, iżżomm l-istruttura tagħha. Is-setturi tal-avjazzjoni u marittimi fl-UE jkunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni b'rata minima żero billi jitneħħew l-eżenzjonijiet mit-taxxa li hemm fis-seħħ bħalissa.

L-għażla 2 tintroduċi sistema ta' rati simplifikati. Ir-rati minimi jkunu indiċjati u bbażati fuq il-kontenut tal-enerġija u perjodu tranżitorju (10 snin għall-għażla 2a u perjodu iqsar sal-2030 għall-għażla 2b). Tiffoka fuq il-kontenut enerġetiku b'livell ta' tassazzjoni ogħla (l-aktar għall-karburanti tat-tisħin) u l-estensjoni tal-bażi taxxabbli fin-navigazzjoni fl-UE fis-settur tal-avjazzjoni u f'dak marittimu tiġi inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva b'rati minimi li jiżdiedu b'mod lineari matul perjodu tranżitorju ta' 10 snin fir-rigward tal-attivitajiet ġewwa l-UE. L-għażla 2c tintroduċi komponent ġdid fir-rati li jqis l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja tal-prodotti minbarra l-karatteristiċi tal-għażla 2a.

L-għażla 3 tintroduċi komponent tal-kontenut tal-karbonju għas-setturi li mhumiex koperti mill-ETS bħalissa. Fir-rigward tal-għażla 2, f'dan il-każ ukoll qed jiġu kkunsidrati żewġ perjodi tranżitorji (10 snin u l-2030). L-introduzzjoni ta' komponent ta' tniġġis hija analizzata f'din l-għażla wkoll.

Meta wieħed iqis li s-sistema tal-ETS jenħtieġ li tiġi estiża biex tkopri l-emissjonijiet tat-trasport u l-bini, sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, l-għażla 2a hija meqjusa bħala l-għażla ppreferuta.

Estensjoni kkalibrata sew tal-ETS għat-trasport bit-triq, it-trasport bil-baħar u dak intern u għall-bini, flimkien mal-għażla 2 għal rieżami tal-ETD, jistgħu jgħinu biex jintlaħaq l-objettiv ambizzjuż tal-UE dwar il-klima ta' tnaqqis ta' 55 % tal-emissjonijiet filwaqt li l-bqija tal-objettivi jkunu jistgħu jintlaħqu bir-rieżami tal-ETD.

**X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Min jiffavorixxi liema għażla?**

Waqt konsultazzjoni pubblika, maġġoranza kbira ta' negozji u awtoritajiet pubbliċi qiesu li taxxa fuq l-enerġija bbażata fuq il-kontenut tal-enerġija tkun rilevanti. Barra minn hekk, il-maġġoranza l-kbira tat-tipi kollha ta' rispondenti huma favur reviżjoni tal-ETD li tintroduċi inċentivi għal sorsi alternattivi tal-enerġija li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika billi jnaqqsu l-possibbiltà li jiġu ffavoriti l-fjuwils fossili permezz ta' livelli aktar baxxi ta' tnaqqis fit-taxxa, eżenzjonijiet u ribassi. Il-maġġoranza l-kbira tar-rappreżentanti taċ-ċittadini u tas-soċjetà pubblika jappoġġaw it-tneħħija tat-trattament tat-taxxa preferenzjali għal setturi speċifiċi ta' attività u tad-distinzjoni bejn użi kummerċjali u mhux kummerċjali.

**C. L-impatti tal-għażla ppreferuta**

**X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

L-għażla ppreferuta 2a hija kompletament koerenti ma' inizjattivi oħra tal-Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u mal-politiki rilevanti tal-UE. L-għażla ta' politika proposta se tikkontribwixxi għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi tnaqqas l-emissjonijiet fl-UE27. Meta mqabbla max-xenarju bażi, l-emissjonijiet fl-2035 huma stmati li jonqsu kif ġej:

Gassijiet Serra: -1,6%; NOx: -1,7 %; PM2.5: -2,5 %; SO2: -1,6 %

L-introduzzjoni tas-settur tat-trasport bl-ajru u dak marittimu fl-UE fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva se twassal biex it-tassazzjoni tat-trasport issir aktar koerenti. L-introduzzjoni ta' valuri minimi ġodda u t-twessigħ tal-bażi tat-taxxa se jikkontribwixxu biex ir-rati tat-taxxa effettivi fl-UE jikkonverġu

| |
|---|
| aktar lejn xulxin. |
| **X'inhuma l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?** |
| L-istimi jindikaw il-kostijiet li ġejjin: i) Telf ta' impjiegi b'0,2 % fil-livell tal-UE 27 fl-2025 meta mqabbel mal-linja bażi, ii) Żieda fit-tisħin tad-djar u fil-prezzijiet tat-trasport, u, iii) Żieda fil-kost għan-negozju minħabba tnaqqis fl-eżenzjonijiet u fiż-żidiet fil-prezzijiet tal-karburanti fossili.<br><br>Rati tat-taxxa ogħla jwasslu għal żieda fil-prezzijiet tal-konsumatur, kemm għall-karburanti tal-karozzi kif ukoll għat-tisħin. Skont l-għażla ppreferuta, din iż-żieda hija simili fil-prezzijiet tat-tisħin u tal-fjuwil għat-trasport, madwar 0,8 % u 1,2 % rispettivament. Ir-riżultati jindikaw li l-bidliet proposti fit-taxxa jistgħu jnaqqsu l-introjtu disponibbli aġġustat (l-introjtu disponibbli nett mit-taxxi indiretti) tal-unitajiet domestiċi. Ta' sikwit dan iseħħ b'manjiera rigressiva. Madankollu, meta d-dħul addizzjonali mit-taxxa li jinġabar jiġi ttrasferit lura lill-unitajiet domestiċi b'mod ta' somma f'daqqa, il-bidla sħiħa fit-taxxa ssir b'mod progressiv, peress li dawn it-trasferimenti jiddeterminaw żieda akbar fl-introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi ifqar. |
| **X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?** |
| L-għażla proposta mhux se jkollha impatt speċifiku fuq l-SMEs u lanqas fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE |
| **Il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali se jintlaqtu b'mod sinifikanti?** |
| Fil-linja bażi, fis-snin li ġejjin id-dħul fl-Istati Membri huwa projettat li jonqos bi kważi 32 % bejn l-2020 u l-2035 minħabba t-tibdil mistenni fis-sistema tal-enerġija fejn se titnaqqas id-dipendenza fuq il-karburanti bis-saħħa tal-iffrankar tal-enerġija u l-qalba minn karburanti fossili kif ukoll jekk l-Istati Membri ma jżidux ir-rati nazzjonali tagħhom. L-għażla ppreferuta 2a timmitiga l-parti l-kbira ta' din ix-xejra billi żżid id-dħul.<br><br>Ir-reviżjoni tal-ETD għandha l-għan li tintroduċi titjib u simplifikazzjoni fir-rati tat-taxxa u l-bażi taxxabbli. Madankollu, jenħtieġ li l-bidliet previsti ma jbiddlux b'mod fundamentali l-imposta u l-amministrazzjoni attwali tat-tassazzjoni tas-sisa fuq il-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?** |
| Le |
| **Il-Proporzjonalità?** |
| Il-proposta hija proporzjonali u meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi, peress li tindirizza l-limitazzjonijiet attwali mal-ETD filwaqt li żżomm l-istruttura tagħha b'mod sostanzjali. L-għażla 2a proposta ġġib valuri minimi ġodda, twessa' l-bażi tat-taxxa, tieħu ħsieb is-sitwazzjoni partikolari tal-unitajiet domestiċi u tal-industrija vulnerabbli u tipprevedi perjodu tranżitorju ta' 10 snin biex ikun hemm tranżizzjoni bla xkiel. Barra minn hekk, l-inizjattiva tipprevedi reviżjonijiet regolari biex tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-miżuri ta' politika. |
| **D. Is-segwitu** |
| **Meta se tiġi riveduta l-politika?** |

Bħalissa, l-Artikolu 29 tal-ETD jipprevedi eżami regolari abbażi ta' rapport u, fejn xieraq, proposta mill-Kummissjoni. Se jitħejja rapport 5 snin wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva.